MS Malta

# MS Bulletin

Ħarġa numru 24 - Diċembru 2008

# Rapport annwali tas-Soċjetà

Is-Soċjeta' twaqqfet fil-25 ta' Ottubru 1997 f'St Philip's Hospital. Għaddew għaxar snin minn dak in-nhar u s-Soċjeta' tagħna imxiet 'l quddiem ħafna b'għajnuna tal-membri tal-kumitat, membri tas-Soċjeta', benefatturi u nies professjonali, li kollha taw l-għajnuna prezzjuża tagħhom.

## L-Għan

L-għan tas-Soċjeta' hu li tgħin b'diversi manjieri lil dawk li huma milquta bil-kundizzjoni tal-MS u lil familjari tagħhom. Is-Soċjeta' torganizza, fuq bażi regolari, laqgħat għall-membri biex tagħti l-aħħar żviluppi mediċi fuq il-kundizzjoni. Tlaqqa' soċjalment il-membri u l-famijari tagħhom kważi kull xahar u ħafna drabi għal dawn il-laqgħat, tistieden kelliema esperti, fuq suġġetti diversi li jolqtu l-persuni bl-MS u l-familji tagħhom. Ħafna mill-membri jattendu regolarment il-laqgħat li s-Soċjeta' torganiżża. Oħrajn waqfu milli jattendu għal-diversi raġunijiet. Il-laqgħat li norganiżżaw huma meżż ta' kommunikazzjoni sabiex il-membri jsiru jafu li xulxin. Hawn, il-membri ikollhom ukoll iċ-ċans li jiltaqgħu, kemm f'attivitajiet ta' rikreazzjoni kif ukoll edukattivi.

## Laqgħat ta' kull xahar fil-Hospice Movement Balzan

Din is-sena fuq talba tal-membri tagħna stess, komplejna bil-laqgħat mal-psikologista, Dr David Parnis, u ser inkomplu nistiednuh matul din is-sena. Kellna ukoll mistiedna, in-nurse tal-Betaferon Ms Bernice Spiteri li spejgat fuq il-metodu ġdid ta' kif tieħu il-Betaferon Hija tat diversi pariri, u wara wiegbet għall-mistoqsijiet tal-membri preżenti. Ħsibna wkoll biex nikkuntentaw ix-xewqa ta' ħafna mill-membri tagħna u għalhekk stedinna lil Dr Galea Debono, Konsulent fin-newroloġija biex jiġi u jagħmel taħdita fuq l-MS. Din il-laqgħa ntlaqet tajjeb ħafna tant li Dr Galea Debono minflok it-taħdita li kellu ppjanata, kellu jwieġeb għal ħafna mistoqsijiet li bdew jistaqsuh il-membri. Dr Galea Debono għamlilna kuraġġ biex inkomplu naħdmu għall-ġid ta' kull wieħed minna.

## Health Fair fl-Isptar il-Ġdid Mater Dei

Is-Sibt 30 ta' Gunju u l-Ħadd 1 ta' Lulju 2007, konna mistiedna biex nippartecipaw għal-ftuħ uffiċjali tal-Isptar il-Ġdid Mater Dei, fejn kienet organizzata Health Fair f' kull aspett ta' saħħa, lifestyles, ikel u kura għal-saħħitna. Is-Soċjeta' stiednet lil konsulenti tan-Newroloġija biex jagħtu talks għal-membri tagħna, kif ukoll għall-pubbliku u studenti tal-medicina. Dr Norbert Vella laqgħa l-istedina tagħna u pprepara taħdita u irrisponda d-domandi li għamlulu dawk preżenti fuq l-MS. Nixtiequ nirringrazzjaw il-membri tagħna li laqgħu is-sejħa tagħna u offrew ftit mil-ħin tagħhom biex jiehdu hsieb l-istand tas-socjeta' li kellna

## Il-Kumitat

| | |
|---|---|
| Ms Louise Gusman, President | Mr Kenneth Muscat, Viċi President |
| Ms Rose Grech, Segretarja | Ms Donnabelle Brincat, Teżorier |
| Ms Mary Buħaġiar, Membru | Mr Emanuel Buħaġiar, Membru |
| Ms Connie Carabott, Membru | Mr Leslie Agius, Membru |
| Ms Eve Sammut Alessi, Membru (co-opted) | |

Il-Kumitat iltaqgħa sitt '6' darbiet mill-aħħar laqgħa Annwali Ġenerali li saret nhar is-Sibt 24 ta' Marzu 2007. Matul dawn il-laqgħat tħejja programm ta' attivitajiet u laqgħat għal matul is-sena. Din i¬s-sena kienet waħda ta' ħidma kontinwa fejn l-għan ewlieni kien kif se jingabru aktar fondi sabiex inkomplu insaħħu s-servizzi tal-fizjoterapija, psikoterapija u s-servizz ġdid li bdejna ta' Sports Masseur. Fil-waqt li komplejna nirsistu biex niġbru aktar fondi ħalli inwetqu il-għan tagħna biex fil-futur qarib nisperaw li jkollna post aċċessibbli għas-Soċjeta' tagħna.

f'Mater Dei u qassmu l-Bulettin u taw informazzjoni fuq l-MS.

## Website u email tas-Socjeta'

Grazzi għall-għajnuna ta' Alistair Farruġia u Stefan Zammit, is-Socjeta' qiegħda timxi l-quddiem anka teknoloġikament fejn il-website tagħna qiegħda tigi aggornata bil-Bulletin tas-Socjeta kif ukoll xi attivitajiet li norganizzaw għall-membri tagħna. Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lil Alistair Farrugia, Kenneth Muscat u Louise Gusman, ghaliex is-Soċjeta' issa għandha ukoll email address taghha, maltams@gmail.com. Dan l-address huwa sabiex kull min irid jikkomunika mal President, jista' jaghmel dan permezz ta' dan l-email address. Fl-istess ħin ħadna ħsieb biex l-membri tagħna jkunu jistgħu jikkommunikaw bejniethom bl-internet billi juzaw l-address tal-grupp maltams@googlegroups.com. Din l-inzjattiva intlagħqet tajjeb ħafna għax sikwiet naraw kuntatti bejn il-membri permess ta' l-email.

## Attivitajiet ta' Fundraising

1. Matul din is-sena, l-President, Louise Gusman kellha diversi interviews fosthom mal-ġurnalista tas-Sunday Times Marika Azzopardi, fejn tkellmet fuq l-MS, is-Soċjeta' u l-fundraising li konna ser naghmlu ghal post tas-Socjeta'. L-artiklu deher fil-Sunday Times ftit żmien wara. Ms Gusman kellha intervista ohra din id-darba mal-ġurnalista ta' l-Orizzont Charmaine Craus, f' Ottubru 2007, deher l-artiklu ' Bl-MS M'intix tellief.'

2. Fuq inizjattiva tal-President, Louise Gusman saqsejna zewg disinjaturi, Chris Carabott u Mark Shembri sabiex joholqu tema fuq poster sabiex inkunu nistghu naghmlu awareness tal-marda tal-MS u fl-istess hin nigbru fondi ghal-post tant mistenni. Wara li ntaghzel il-poster, Louise Gusman kellmet lil propretarju tal-Five-Star Printing Press Mr Jesmond Arpa sabiex jaghmlilna dawn il-posters u wkoll jaghmel l-istess tema fuq l-envelopes. Dawn l-envelopes u l-posters tqassmu lil membri tas-Socjeta'.

Sadanittant, l-MCAST kienet waslet biex tqassam in-Newsletter tagħhom qabel il-Milied u għalhekk Louise Gusman ħatfet l-opportunita' u ġabet permess mingħand il-Prinċipal tal-MCAST biex niċċirkulaw il-posters u l-envelopes mal-MCAST Link. Għal dan ix-xogħol, marru Mary u Manuel Buħaġiar, Connie Carabott, Rose Grech u Louise Gusman l-MCAST biex jitfghu l-materjal tagħna go l-MCAST link,

3. Connie Carabott attendiet għal 3rd International Congress li saret bejn it-23, 25 ta' April 2007 ġewwa il-lukanda Meridien Phoenicia. Is-Sibt 6 ta' Ottubru 2007, Connie Carabott Consultation Meeting fuqjumejn fuq Disabilita' fil-Waterfront Hotel tas-Sliema.

4. Nhar il-Gimgħa, 9 ta' Novembru 2007, Il-President u l-Borg tal-American International Women's Association organizzat kunċert mil-pjanista Russa Olga Bobrovikova, b'risq is-Soċjeta' tagħna f'Palazzo Parisio, Naxxar. Dan il-kunċert kien iddedikat għal-memorja tal-pjanista Frančiza Jacqueline du Prè li mietet bl-MS, għoxrin sena ilu. Dan kien it-tieni kunċert li din il-pjanista Russa, li hi ukoll tbati bl-MS, taghat b'risq is-Soċjeta' tagħna. Minn dan il-kunċert l-AIWA, ġabbret is-somma sabiħa ta'LM1200. Bl-ghajnuna ta' Simon Soler, kellna sponsor li taghna l-inbid ghar-riceviment li kellna wara l-Kuncert. Nirringrazzjaw lil Richard Cleland ta' Cleland and Souchet.

L-AIWA tawna ukoll cheque ta LM200 mill-l-istess kuncert wara li nqatghu ftit mill-ispejjez li kellhom. B'dawn Lm200 l-AIWA xtaqu li nagħtu rigal tal-Milied lil uhud mill membri taghna. L–President iddeciediet li uhud mil-membri li ma setgħux jattendu l-ikla tal-Milied jirċievu xi ħaġa żghira minghandna.

## Strina 2006

Bħal ma jaf kulħadd il-fondi li ħadna mill-Istrina 2006 kienu ta' Lm13,602. Dawn il-flus ser jitqasmu skond il-Business Plan li konna ppreparajna. Parti kbira minnhom ser jmorru ghall-fond għal-post ghas-Soċjeta'. Il-fondi ser jigu imqassma ukoll fuq is-servizzi tal-fizjoterapija, psikoterapija u sports masseur.

## Strina 2007

Din is-sena aħna erġajna ippreżentajna il-Business Plan lil Kumitat tal-Strina 2007 imma ma ntgħażilnix biex nerġgħu nibbenifikaw. Aħna bi ħsiebna nerġgħu nitfgħu l-applikazzjoni għal Strina fl-ahhar ta' din is-sena. Nisperaw li din id-darba inkun mal-organizzazzjonijiet filantropiċi oħra li jintgħażlu u jibbenifikaw għaliex għadna il-bogħod mill-fondi meħtieġa biex nixtru post addattat għalina.

## Rapporti Internazzjonali

Sabiex ngħaddulkom l-aħħar aħbarijiet fuq l-MS u x'nistghu nagħmlu biex intejbu l-għajnuna lil membri waqt li nżiedu il-finanzi tas-Socjeta' tagħna, hemm bzonn li l-membri jattendu għall-Konferenzi

li jsiru barra minn xtutna.

1. Il-President Louise Gusman imlit questionnaire li intbaghat qabel il-Konferenza u għaddiet l-informazzjoni fuq il-membri tas-Soċjeta' tagħna lil Mairead O'leary. Din l-informazzjoni iddahlet fil-progett MSID u qeghda issir mas-socjetajiet tal-MS kollha. Dan jagħmel impatt aktar qawwi mhux biss mas-6 organiżżazzjoni li qed jipparteċipaw fuq dan il-proġett iżda madwar is-soċjetajiet kollha ta' l-MS.

2. Ms Louise Gusman u Rose Grech attendew għal Konferenza ta' European Multiple Sclerosis Platform (EMSP) li saret f'Brussels, bejn il 29 u 31 ta' Mejju 2007. Is-suġġett ewlieni fost l-oħrajn kien fuq il-kwalita' ta' hajja aħjar f'kull aspett ta' l-MS.

Għal din il-konferenza kienet mistiedna il-Ministru tas-Saħħa Germaniża l-Eċċelenza tagħha Ulla Schmidt fejn qalet li l-għan tal-Gvern tagħha hu li jipprovdi ħajja aħjar, mingħajr diskriminazzjoni u jagħti l-stess trattament xieraq li min ibati bl-MS, bħal kull persuna li tbati minn kwalinkwa marda oħra. Hawn hi ħeġġet ukoll lil kull rappreżentant biex jagħmel enfasi lil gvern tiegħu rigward dawn il-punti. L-Eċċelenza tagħha qallet ukoll li biex nindiriżżaw il-problemi ta' l-MS, irridu naddattaw uniformi waħda. Ir-rapport ta' din l-Konferenza ser ikun fuq l-Bulletin li jmiss.

3. Wara kuntatti li saru waqt konferenza li attendiet Louise Gusman f'Manchester f' 2006, is-Soċjeta' kienet mistiedna biex tibgħat grupp ta' żagħżagħ biex jirrapprezentaw is-Soċjeta' fil-Youth Exchange għal-ġimgħa fil-Polonja. Intaghzlu ħames żagħżagħ, tnejn li għandhom MS, tnejn li genitur tagħhom ghandha/u l-MS u carer zagħzugħa, flimkien mal-grupp leader, il-fizjoterapista tagħna Patricia O'Brien. Alastair Farrugia, Daniella Abela, Alexia Abela, Sarah Carabott, Jeannette Carabott flimkien ma Pat marru fit-13 ta' Lulju 2007 u ġew lura fit-22 ta' Lulju 2007. Bi pjaċir ngħidu li din l-Exchange kienet suċċess u li ħareġ biċ-ċar li xi darba l-Exchange issir hawn Malta. Ir-rapport ser jidher fil-Bulletin li jmiss.

4. Fil-24 u 25 ta' Novembru Donna Brincat, it-tezorir tas-Soċjeta' flimkien ma' Eve Sammut Alessi attendew konferenza tal EMSP, 'European Code of Good Practice in MS ' gewwa l-Olanda fejn fost il-punti li ġew diskussi semmgħew il-jeddijiet indaqs, aċċess għal kull trattament terrapewtiku u servizzi għal-persuni bl-MS.

## L-Għaxar Anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjeta'

Għall-okkazzjoni ta' l-għaxar anniversarju tas-Soċjeta' riedna niċċelebrawħ b'mod speċjali u differenti mis-soltu. Għalhekk iddeċidejna li niċċelebrawħ mal-membri taghna f'Għawdex u fl-istess hin nintaqgħu mal-membri Ghawdxin. Għamilna kuntatt ma' Ms Sandie Apap fejn ħadet ħsieb l-arranġamenti kollha. Ta' dan minn hawn nirringrazzjawha.

Dak in-nhar ltaqajna kollha ċ-Ċirkewwa u rkibna il-vapur fejn ftit mill-biljetti kienu ssussidjat mil-Gozo Channel. Mill-Mgarr, bqajna sejrin sas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Wara morna r-Rabat fejn kellna quddiesa privata fis-Seminarju fejn ġiet iċċelebrata min Fr Daniel Xerri. Ghall-ikla ta' nofs in-nhar morna il-Calypso Hotel u bqajna hemm sal-ħin tat-tè. Nixtiequ nirringrazzjaw lil Simon Soler ta' Hartons Ltd fejn ħaseb fina dak in-nhar ukoll. Kienet ġurnata tassew memorabli. Kellna attendenza mhux ħażin għalkemm kien hemm li fl-aħħar minuta ma setax jiġi. L-unika dizżappunt tagħna kien li Sandi Apap u il-familja taghha biss iltaqgħu maghna fejn ahna stennejna li se niltaqgħu mal membri Għawdxin kollha.

## Laqgħat Importanti

1. Il-President u l-Vici President, Kenneth Muscat attendew għal-laqgħat ma' Mr Stanley Debono tal-FITA sabiex inkunu nistgħu nibbenifikaw minn korsijiet tal-IT għal-persuni b'disabilita' kif ukoll sabiex naraw kif nistgħu nutilizzaw ċerta' proġetti li għandhom għal-membri tagħna.

2. Is-Socjeta' tagħna irċeviet stedina sabiex nintaqgħu ma' Mr Charlot Scicluna tat-Technoline Ltd. Louise Gusman u Donna Brincat attendew meeting fejn Mr Scicluna offrilna li nistgħu nużaw kamra li għandhom attrezzata għal-fizjoterapija imma l-unika problemi hija li jagħlqu fil-5.00pm. Mr Scicluna infurmana li dalwaqt ser jibdew jħalli l-ufficini miftuħin sas-7.00pm u meta dan iseħħ għandu jinfurmana sabiex il-membri tagħna jkunu jistgħu jattendu għal sessjonijiet tal-fizjoterapija.

3. Matul is-sena, il-President Louise Gusman attendiet ghall-laqgħat tal-Malta Resource Centre. Dawn il-laqgħat kienu importanti ħafna għas-Socejta' tagħna. Fil-fatt, Louise Gusman xtaqet li jkollha membru tal-Kumitat inkarigat biex jattendi dawn il-laqgħat għax wara li sirna membri tal-EAPN il-pass li kien jmiss kien li nidħlu fil-Malta Health Network fejn rapprezentanti min għaqdiet differenti f'Malta jintagħqu sabiex jagħmlu pressjoni

fuq il-gvern f'affarijiet rigward is-saħħa, affarijiet socjali, etc. Fil-fatt Louise Gusman talbet lil Eve Sammut Alessi biex tibda tattendi dawn il-laqgħat importanti, u Eve aċċettat wara li saret membru (co-opted) tas-Soċjeta' tagħna. Fil-fatt Eve attendiet diversi laqghat tal Malta Health Network.

4. F'Mejju Louise Gusman kellha stedina minn Dr Cherubino ta' Cherubino Ltd fejn iddiskutew il-medicina għal min għandu MS, il-fizjoterapija u Der Cherubino xtaq li jgħin is-soċjeta'.

5. Nhar it-13 ta' Novembru 2007 il-President Louise Gusman, flimkien ma' Rose Grech kellhom laqgħa mal-Ministru Dolores Cristina fejn wara li offriet l-għajnuna tagħha talbitna biex nibaghtulha memorandu biex tkun tista' tindirizzha l-problemi li għandna.

6. Matul din is-sena, bħas-snin li ghaddew membri tal-kumitat marru jżuru il-membri ġo darhom wara li huma urew l-interess li jzurhom xi hadd tas-socjeta'. Grazzi għall-fiżioterapista tagħna Patricia O' Brien li tgħaddilna informazzjoni sabiex inżuru ukoll anki pazjenti li jkunu l-isptar biex nagħtuhom is-sapport tagħna. Dan il-gest dejjem kien milquh tajjeb ħafna minn dawk li jmorru inżuruhom u l-familjari tagħhom.. Nixtiequ nirringrazzjaw lil Mr Manwel u Mrs Mary Buhagiar, Ms Rose Grech u Ms Connie Carabott.

## Attivita' tal-Milied

Għal-darba oħra l-Kumitat iddeċieda li għal-Milied ta' din is-sena jerġgħa jorganiżża Christmas Buffet Lunch ġewwa il- Lukanda Coastline, fis-Salina Baħar iċ-Ċagħak. Is-Soċjeta' bħalma tagħmel dejjem sponsorjat il-membri li għandhom l-MS. L-attendenza kienet numeruza bħas-soltu fejn qattajna ftit tal-ħin fil-kumpanija ta' xulxin u l-familjari tagħna. Nirringrazzjaw lil Mr Simon Soler talli provdilna prodotti ghall-lotterija.

## Servizz tal-Fiżjoterapija

1. Kif kulħadd jaf is-Soċjeta' toffri dan is-servizz issussidjat għal-membri tagħha. Din is-sena kellna inżidu dan is-servizz li hu ta'għajnuna kbira għal min għandu bżonnu. Ghall l-ahhar tas-sena kellna ninpjegaw magħna fizjoterapista oħra Jackie Mifsud li ħafna minnkom ġa jafuha. B'kollox fis-sena 2007 saru 624 sessjoni tal-fizjioterapija .
Hawn nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lil fizjoterapisti tagħna, Patricia O'Brien u Elaine Zammit għas-servizz, għajnuna u dedikazjoni li jagħtu lil membri bl-MS.

2. Is-Soċjeta' din is-sena bdiet servizz ġdid ta' Sports Masseur min Mr Tonio Schembri. Dan is-servizz hu issusidjat għal-membri

## Ringrazzjament lill-Benefatturi

Nixtiequ nirringrazzjaw lill benefatturi li matul is-sena li għaddiet ogħġobhom jemmnu fina bħala Soċjeta' u jibagħtulna l- fondi ħalli inkomplu bil-ħidma tagħna.

Uħud mill-benefatturi huma dawn:

Il-Hospice Movement
Mr Christopher Rapinett
Optika Limited
Union Print; SJ Soler
Mr &Mrs Simon Fabri
Mr Jesmond Arpa tal-Five Star Printing Ltd
Ms Monika Fabri
Vodafone
Mr & Mrs Raymond Gatt
Global Executive Search Ltd
Bank of Valletta Ltd
Ms Ann Farruġia
Lombard Bank
Ms Camilleri
Mr Simon Soler
Dr &Mrs Norbert Vella
Palmyra Stationery
Expressions Stationery
Gauci Food Store
Alastair Farruġia
Mary Cassar
Erminiette Zammit Camilleri
Ms Gayle Dunkerly
Malta College of Arts, Science & Technology
Strina 2006
European Multiple Sclerosis Platform
Gozo Channel Ltd
Ms Olga Bobrovikova
Mr Godfrey Leone Ganado
Marks & Spencer, Valletta
British Home Stores, Sliema
Gatt, Galea & Co, Certified Auditors
American International Women's Association
Richard Cleland, Cleland & Souchet

tas-Soċjeta' li ghandhom l-MS u l-carers taghhom.

3. Din is-sena ukoll bdejna noffru is-servizz tal-psikologist mhux biss laqghat fi grupp izda ukoll id-dar mal-familjari jew bhala individwi. Dan is-servizz qieghed jinghata minn Dr David Parnis, Psikologista. Nixtiequ nirringrazzjaw lil Dr Parnis tas-servizz professjonali tieghu.

## Għeluq

Nixtieq fl-aħħar nett nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja mill-qalbi lil President tas-Soċjeta' tagħna, Louise Gusman, li b'tant entuzjazmu, ħila u rieda qawwija, kompliet tkabbar il-fondi b'risq is-Soċjeta' filwaqt li żiedet is-servizzi biex b'hekk ikomplu jibbenefikaw aktar membri tagħna ħalli ntaffu ftit mit-tbatija tagħhom u nippruvaw nagħmluhom ħajja ftit aħjar. Nixtieq ukoll nirringrazzja minn qalbi lil Kenneth Muscat il-Vici President u Donna Brincat t-Tezorier, lil Connie Carabott u lil Manuel u Mary Buħaġiar, lil Eve Sammut Alessi, lil Alastair Farrugia u kull min ta sehmu biex inkomplu għaddejjin bil-impenji tagħna. Nixtieq nirringrazzja ukoll lil Phyllis u Joe Tabone talli jieħdu ħsieb il-booking tat-Trasport speċjali. Nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil benifatturi kollha waqt li b'mod speċjali nixtieq nirringrazzja lilkom talli dejjem taghjtuna l-appoġġ u l-fiducja tagħkom biex flimkien nibqghu għaddejjin. J'Alla il-Mulej jagħtina s-saħħa u l-għajnuna sabiex inkomplu fil-ħidma li dħalna għaliha. Nixtieq kull suċċess għal futur għax b'hekk flimkien ilkoll, inkunu qed nawguraw il-ġid lil kull min jbati bl-MS biex intejbulhom il-kwalita' ta' ħajja.

# The Global MS Dinner Party



The Multiple Sclerosis Society of Malta participated in the Global MS Dinner Party on Saturday 23rd February 2008 where forty-three (43) MS societies from around the world organised fundraising and awareness activitites and funds raised had to be used on research on MS. The Multiple Sclerosis International Federation (MSIF) has been organising this annual party for the past years but this was the first year our Society joined our inter-national friends.

The Global MS Dinner followed the Annual General Meeting of the Society at the Grand Hotel Excelsior in Floriana. Ms Joanna Cini, a young soprano entertained the guests and thanks to Mr Victor Caruana's paintings and Mr Simon Soler, the Society's main sponsor of the event, the Society raised some funds to cover expenses of the event. Unfortunately, no extra funds were raised to send to the MSIF committee.

We would like to thank most heartily Her Excellency Mrs Catherine Gonzi, Mrs Jones, President AIWA, Dr Josanne Aquilina Consultant Neurologist and Dr Norbert Vella Consultant Neurologist for joining us during this event. A special thanks goes to the management of the Grand Hotel Excelsior for the impeccable evening and lavish buffet.

Louise Gusman
President, Multiple Sclerosis Society of Malta



The artist, Mr Victor Caruana, presenting one of his works of art at the Global MS Dinner

# EMSP conference Nov 2007 - Netherlands




Donna Brincat & Eve Sammut Alessi attended the EMSP conference in November 2007 in the Netherlands where the European Code of Good Practice in MS was the main topic discussed. Mainly equal rights amongst EU member states and access to treatment, therapies and services in MS management such as rehabilitation, physiotherapy, counselling, occupational therapy and speech therapy amongst others.

The importance of a team working together– the MS patient working together with dieticians,doctors,physiotherapists to plan, assess problems and set goals (even long term ones). As MS is so unpredictable and sometimes progression is fast it is important for MS patients to know what services are available and to demand them.

The importance of early and easy access to treatment options are a better chance of improving quality of life for MS suffers and their families. This would therefore reduce long term healthcare costs both for the individual and the economy (society), for example on unemployment and disability benefits.

The importance of various medias' to raise awareness and knowledge about Multiple Sclerosis, be it through newspaper articles, television adverts and internet adverts and pop-ups. For instance Britney Spears has 70,600000 hits while MS only has 10,000000 hits. The power of the media should never be underestimated and showing both positive, feel good stories and the tougher side of life of people living with MS and their families needs to be shown. MS does not have to be over exposed but raising awareness is very important.

The EMSP will help overcome the current inequalities in diagnosis, treatment and care of PwMS across EU members.

During the workshops we went through what was said (above) and various countries discussed inequalities. For instance, in Poland 1% of people with MS are treated with disease modifying drugs while in Sweden 50% are treated. Ireland has 17neurologists for the treatment of 7 000 Pwms while Iceland has 18 neurologists for 330pwms. In Russia they are going to stop getting Copaxone so that all who are currently on this drug have no choice but to change medication. The number of MS Societies or centres which are available around the country depends on the countries' size. How data is collected and how this too needs to be similar so that data collection criteria in all societies all over the EU and the country itself are similar was also discussed. Another question put forward during the workshop was whether the government is helpful and open to our needs.



Donna Brincat, ex-Treasurer,
Eve Sammut Alessi, Treasurer

# MS Society Services

Kull membru li ghandu l-MS u jissieheb mas-socjeta billi jhallas il-mizata, jigi intitolat ghas-servizz issussidjat tal-fizjoterapija, psikoterapija u sports masseur. Minn ma jhallas il-mizata ma jkunx intitolat ghal-dawn is-servizzi.

All registered members with MS who pay the subscription fee are entitled to the subsidized services, physiotherapy, psychotherapy and sports masseur which are provided by the Society. Those members with MS who do not pay the subscription fee are not entitled to these subsidized services.

Louise Gusman
President, Multiple Sclerosis Society of Malta

# Fundraising BBQ at MCAST - July 2008

The President of the Multiple Sclerosis Society of Malta, Ms Louise Gusman, together with the MCAST Precincts Manager, Mr Saviour Grech and his team of handypersons, organised a fundraising BBQ for the MCAST Staff and members of the MS Society at the MCAST Main Campus Grounds in Paola in July. The proceeds of the BBQ will go to the Premises Fund of the Multiple Sclerosis Society.

Multiple Sclerosis is an idiopathic inflammatory demyelinating disease of the central nervous system. Patients with MS commonly present with an individual mix of neuropsychological dysfunction, which tends to progress over years to decades. The diagnosis of MS is based on a classic presentation (ie, optic neuritis, transverse myelitis, internuclear ophthalmoplegia, paraesthesias) and on the identification of other neurologic abnormalities, which may be indicated by the patient history and examination. Typical findings on an MRI also help establish a diagnosis of MS.

The Multiple Sclerosis Society of Malta was founded in 1997 and provides a voluntary means to expand and enhance public awareness, individual and family services and rehabilitation in Multiple Sclerosis (MS). It primarily offers subsidized physiotherapy to its members with Multiple Sclerosis and group psychotherapy sessions for the whole family. Our funds are just enough to keep the physiotherapy and psychotherapy sessions running throughout the year.

Ms Gusman would like to thank the MCAST Principal Professor Maurice Grech and the Chief Administrative Officer, Mr Emanuel Attard for making this possible and a special thank you goes to the young entertainers from the Bronks Productions, managed by Mr Pierre Bonello and very well presented by Josette Ellul.

Mr Simon Soler of Hartons Ltd helped in providing gifts and wine for the lottery.

This activity raised € 581.31.

Thank you.

Louise Gusman
President, Multiple Sclerosis Society of Malta

**Editur:** Louise Gusman
**Typesetting u diżinn:** Alastair Farrugia
**Mitbugħ:** Mr Jesmond Arpa, Five Star Printing Ltd.

**Multiple Sclerosis Society of Malta**

**Address:** PO Box 63, B’Kara BKR1000
**Tel:** (356) 21 416 206
(356) 21 496 352
**E-mail:** MaltaMS@gmail.com
**Website:** www.msmalta.org.mt